MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1702/2004

**Vincent Cuschieri Limited**

**vs**

**Anthony Ellul**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Settembru, 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u ghaxar liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm610.96) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha lill-konvenut u fuq struzzjonijiet tieghu stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-Ittra Legali datata 5 ta' Awissu, 2004 u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u ghaxar liri Maltin u sitta u disghin cemtezmu (Lm610.96), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------